**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM IT-28 TA' NOVEMBRU 2019**

**Kawża Numru: 7**

**Rik. Ġur. 372/2019 RGM**

**Christine Ann Schembri**

**(Passaport Ingliz Nru. 112153484)**

**vs.**

**Sandra Schembri**

**(I.D. 180166M)**

**Damian Schembri**

**(I.D. 252466M)**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

Rat ir-**rikors maħluf tal-attriċi Christine Ann Schembri** ppreżentat fil-15 t'April, 2019 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi l-esponenti ser taghlaq disgha u sebghin (79) sena u prezentament qed tiehu kura ghall-marda tal-kancer.

2. Illi l-esponenti fis-snin precedenti ghaddiet ammonti ta' flus lil binha Damian Schembri li jezercita il-professjoni ta' *accountant* sabiex jamministrahhomlha fi *stocks* u *bonds*;

3. Illi b'dawn il-flejjes mizmuma minn Damian Schembri gew akkwistati, f'ismu izda dejjem bl-intiza u skont il-ftehim bejnu u bejn ommu r-rikorrenti li l-investimenti u r-rikavat kien taghha esklussivament, diversi investimenti *bonds* u *shares*.

4. Illi l-valur ta' dawn il-flejjes u investiment, f'isem Damian Schembri izda appartenenti esklussivament lir-rikorrenti, llum huwa **mija u hdax -il elf disgha mija u sitta u disghin euro u hamsin centezmu (€111,996.59)** u dan skont il-prospett hawn anness Dok P;

5. Illi l-esponenti ghandha bzonn dawn il-flejjes b'mod immedjat ghall-bzonnijiet taghha;

6. Illi ghalkemm binha l-intimat Damian Schembri irid jaghti dawn il-flejjes lura lill-esponenti, martu l-intimata Sandra Schembri qed tirrifjuta taghmel dan u anzi qed izzomm l-istess bhala flejjes taghha bil-pretensjoni li dawn jappartjenu l-komunjoni ta' l-akkwisti taghha u ta' zewgha Damian Schembri. Fil-fatt fil-proceduri pendenti fil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) bejn l-intimata u l-iben l-esponenti li jgibu r-referenza

256/17 AL intavolat mandat ta' sekwestru li jgib ir-referenza 13/17 sabiex tikkawtela ammont ta' tmien mitt elf euro (€800,000) li konsegwenza ta' dan il-flejjes appartenenti lir-rikorrenti gew sekwestrati;

7. Illi ghad li l-intimata Sandra Schembri giet interpellata baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghidu ghalhekk l-intimati il-ghaliex, din l-Qorti ma ghandiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet fuq premessi;

1. Tiddikjara li l-ammont ta' mija u hdax -il elf disgha mija u sitta u disghin euro u disgha u hamsin centezmu (€111,996.59) jew somma ohra verjuri kolpit mandat ta' sekwestru li jgib ir-referenza 13/17 jappartjeni esklussivament lir-rikorrenti.

2. Konsegwentement tordna li mandat ta' sekwestru li jgib ir-referenza 13/17 jigi revokat in parte ghall-ammont mija u hdax -il elf disgha mija u sitta u disghin euro u disgha u hamsin centezmu (€111,996.59) jew somma ohra verjuri kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni ta' din il-kawza;

3. Tordna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat fit-talba precedenti u/jew tawtorizza lir-rikorrenti tirriprendi pussess tal-fondi u investiment fuq imsemmija.

Bl-ispejjes tal-prezenti, kontra l-intimata Sandra Schembri minn issa ingunta in subbizzjoni.

Rat ir-**Risposta ġuramentata tal-konvenuta Sandra Schembri** ppreżentata fis-17 ta' Ġunju, 2019 li jingħad kif ġej:

1. Preliminarjament, din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza *ratione materiae* biex tisma din il-kawza billi l-mandat li tieghu qeghda tintalab

ir-revoka ma nharigx minn din il-Qorti izda mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

2. Bla pregudizzju, t-talbiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda billi l-flus milquta bil-mandat jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti bejn l-esponenti u zewgha l-konvenut l-iehor Damien Schembri;

3. Bla pregudizzju wkoll, f'kull kaz it-tieni talba ma tistax tintlaqa' ghax is-somma kawtelata bil-mandat tirrapprezenta l-valur tal-pretensjoni tal-esponenti kontra l-konvenut l-iehor kif migjuba fil-kawza fl-ismijiet *Sandra Schembri vs Damian Schembri* (rikors mahluf nru 256/2017) pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja); l-attrici ma ghandha ebda interess guridiku fil-kwistjoni tal-pretensjoni tal-esponenti kontra zewgha l-konvenut l-iehor u dwar il-*quantum* ta' dik il-pretensjoni, u l-esponenti ghalhekk ghandha tinheles mill-harsien tal-gudizzju;

4. Bla pregudizzju wkoll, din il-kawza hija tentattiv iehor tal-konvenut zewgha, din id-darba b'kolluzjoni mal-attrici ommu, biex jahbi flus tal-komunjoni u jcahhad lill-esponenti minn sehemha fil-komunjoni tal-akkwisti;

Bl-ispejjez.

Il-konvenuta tiddikjara bil-gurament illi taf dawn il-fatti personalment:

1. Pendenti bejnha u bejn il-konvenut l-iehor, zewgha Damian Schembri, hemm kawza fl-ismijiet Sandra Schembri vs Damian Schembri (rikors mahluf nru 256/2017) li qegha tinstema' quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

2. F'dik il-kawza l-esponenti qeghda titlob inter alia x-xoljiment, il-likwidazzjoni u l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti.

3. L-esponenti kellha tipprezenta l-mandat ta' sekwestru *de quo* kontra l-konvenut zewgha fl-atti tal-medjazzjoni meta hija indunat li zewgha kien battal zewg Savings Accounts u Current Account tal-komunjoni u halliha minghajr flus ghall-hajja. Sussegwentement saret taf ukoll illi kien illikwida u gibed investimenti ohrajn. Li ma kienx ghall-mandat, kien isehhlu jahbi aktar flus tal-komunjoni.

4. Il-konvenut zewgha qatt ma qal lill-esponenti li kien qieghed izomm f'ismu flus ta' ommu l-attrici kif allegat fir-rikors tal-attrici; kienet taf biss illi l-konvenut zewgha lil ommu kien jamministralha kont li kien f'isimha mhux f'ismu. Kien biss meta l-konvenut telaq mid-dar u mbdiet is-separazzjoni li, waqt is-seduti tal-medjazzjoni, zewgha l-konvenut hareg bil-pretensjoni li ammont sostanzjali ta' flus f'accounts u investimenti li kienu fuq ismu biss, ghalkemm saru matul iz-zwieg, kienu ta' ommu l-attrici.

5. Kien hemm zmien meta l-konvenut zewgha kien fetah kontijiet f'isem ommu u f'isem huh ma' diversi banek u ghalhekk li kieku kien veru li l-flus imsemmija fir-rikors kienu t'omu l-attrici ma kellu ebda raguni ghalfejn jitfaghhom go kontijiet fuq ismu wahdu izda seta' jiftah kontijiet f'isem ommu kif gieli ghamel qabel.

6. Il-konvenut zewgha dejjem zamm lill-esponenti fid-dlam dwar flus u investimenti ohra li kien jaghmel bi flus tal-komunjoni matul iz-zwieg. Din il-kawza mhix l-iniku tentattiv tal-konvenut zewgha li jcahhad lill-esponenti minn sehmha fil-komunjoni (incidentalment l-avukat tal-attrici llum huwa wkoll l-avukat tal-konvenut fil-kawza ta' separazzjoni): waqt is-seduti ta' medjazzjoni l-konvenut zewgha ipprezenta lista ta' assi u fuq dik il-lista immarka bhala "disputed" sahansitra kontijiet u investimenti li huma fuq isem iz-zewg konvenuti konjugi flimkien! L-esponenti b'xokk kbir kienet irrealizzat, meta zewgha l-konvenut qabad u telaq mid-dar habta u sabta u minghajr ebda spjegazzjoni, li zewgha kien ilu jidhaq biha u jahbilha matul iz-zwieg kollu. Ghalhekk illum tghallmet li lil zewgha ma tistax tafdah aktar kif kienet taghmel qabel.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenut Damian Schembri mill-Avukat Dr Kris Busietta waqt l-udjenza tal-25 ta' Ġunju 2019 fejn permezz tagħha ammetta t-talbiet attriċi u kkonferma li "l-flejjes mitluba huma kollha ta' ommu r-rikorrenti"[1];

Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluż il-kopja tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju 13/2017;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta Sandra Schembri ppreżentata fid-19 t'Awwissu 2019 kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi ippreżentata fit-23 ta' Settembru 2019;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attriċi**

Illi permezz tal-kawża odjerna l-attriċi qed titlob dikjrarazzjoni gudizzjarja illi ċertu investimenti u flejjes depożitati f'kontijiet bankarji b'valur komplessiv ta' €111,996.59 intestati f'isem binha il-konvenut Damian Schembri jappartjenu lill-istess attrici u mhux lil binha l-konvenut li f'ismu huma intestati dawn l-investimenti u flejjes. Peress li dawn l-assi ġew kolpiti b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fuq talba tal-konvenuta Sandra Schembri kontra żewġha l-konvenut Damian Schembri fl-ambitu ta' kawża ta' separazzjoni, l-attriċi qed titlob ukoll illi l-Qorti tordna ir-revoka in parte tal-mandat imsemmi għall-ammont ta' €111,996.59.

Il-mandat li tiegħu qiegħed jintalab ir-revoka in parte, li jġib in-numru 13/2017, ġie ppreżentat mill-konvenuta Sandra Schembri fis-16 ta' Jannar 2017 u li ġie ppreżentat quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għal kawtela tas-somma

[1] Fol. 18

ta’ tmien mitt elf ewro (€800,000) kontra l-intimat l-ieħor Damian Schembri. Dan is-sekwestru ġie akkordat fis-16 ta’ Jannar 2017. Bejn il-konvenuti konjugi Schembri hemm kawza pendenti ghal separazzjoni personali quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) numru 256/17AL.

It-talba tar-revoka in parte tal-mandat de quo qiegħda tintalab minn omm l-intimat Damian Schembri u din qiegħda ssir fuq il-premessa li l-attriċi għaddiet lil Damian Schembri is-somma ta’ mija, ħdax-il elf, disgħa mija u sitta u disgħin ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€111,996.59) sabiex jinvestihomlha fi *stocks* u *bonds* u li tali somma għandha bżonnha b’mod immedjat. Tgħid li nonostante li binha huwa lest li jerġa jgħaddilha din is-somma, Sandra Schembri qiegħda tirrifjuta milli tagħmel dan għaliex issostni li dawn l-assi jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Min-naħa tagħha l-intimata Sandra Schembri qiegħda topponi għat-talbiet attriċi u fuq linea preliminari teċċepixxi l-inkompetenza ratione materiae ta' din il-Qorti-

**“preliminarjament, din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza *ratione materiae* biex tisma din il-kawza billi l-mandat li tieghu qeghda tintalab ir-revoka ma nharigx minn din il-Qorti izda mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja)”.**

Din l-eċċezzjoni jeħtieġ li tiġi deċiża l-ewwel, għaliex jekk fondata din il-Qorti hija prekluża milli titratta u tiddeċiedi l-mertu tal-kawża odjerna.

Ikkunsidrat;

**L-Eċċezzjoni tal-Inkompetenza Ratione Materiae**.

Bl-azzjoni tagħha l-attriċi qed titlob fl-ewwel lok dikjarazzjoni li assi milquta b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kontra iben l-attriċi fuq talba ta' martu jappartjenu lilha u mhux lil binha jew lil martu.

Rilevanti jiġi sottolineat li hawn si tratta ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju u mhux eżekuttiv.

Sabiex il-Qorti tkun f'posizzjoni tiddeċiedi jekk il-Qorti Ċivili, Prim' Awla għandiex il-kompetenza *ratione materiae* tisma' l-kawża odjerna jew inkella hiex il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li ghandha tali kompetenza, jeħtieġ qabel xejn li jiġi determinat x'inhi l-azzjoni promossa mill-attrici Christine Ann Schembri.

Kif rajna, l-azzjoni attriċi għandha żewġ talbiet prinċipali: (1) titlob dikjarazzjoni li l-asssi elenkati fil-prospett Dok D anness mar-rikors ġuramentat bil-valur ta' €111,996.59 u kolpiti bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) jappartjenu lilha u mhux lill-konvenuti; u (2) talba sabiex il-Qorti tirrevoka in parte l-imsemmi mandat għall-ammont imsemmi ta' €111,996.59 .

**X'mhiex il-Kawża Odjerna.**

Il-partijiet għamlu referenza fin-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom għall-artikolu Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 li fost oħrajn jipprovdi li

> (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin [...]

Kif tajjeb irriteniet l-attriċi fin-nota ta' sottomissjonjiet tagħha, il-kawża minnha intatovlata ma hiex msejsa fuq dan l-artikolu tal-liġi stante illi hi ma hiex il-persuna "li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih" u għalhekk mhux miftuħa għall-attriċi il-proċedura stabbilita bl-artikolu appena ċitat. Izda fl-istess nota ta' sottomissjonijiet responsiva l-attrici ma taghmel l-ebda accenn ghall-insistenza tal-konvenuta illi din il-Qorti ma hiex kompetenti *ratione materiae* in kwantu l-mandat kawtelatorju mertu tal-kawza odjerna li din il-Qorti qed tiġi mitluba li

tirrevokah in parte inhareg mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u mhux minn din il-Qorti.

L-azzjoni attriċi certament ma hiex msejsa fuq l-Artikolu 836 tal-Kap. 12 u dan għas-sempliċi raġuni illi tali Artikolu jagħti d-dritt ta' azzjoni biss lil min kontra tieghu jew taghha jkun inhareg il-mandat kawtelatorju. Jigi emfasizzat illi dan l-artikolu ma jaghtix id-dritt lil terzi interessati mhux imsemmija fil-mandat sabiex jipprocedu bis-sahha tal-Artikolu 836. Kien għalhekk illi l-unika mezz li l-attriċi kellha disponibbli sabiex timpunja dan il-mandat kawtelatorju kien li tistitwixxi kawża kif fil-fatt għamlet.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti wara li fliet sew l-att promotur f'din il-kawża ssib illi l-mertu prinċipali tagħha ma hux effettivament il-mandat maħruġ mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iżda l-assi li attwalment qegħdin intestati f'isem il-konvenut hua effetivament proprjeta' tagħha u mhux tal-konvenuti. Il-Qorti tqis illi l-fatt li dawn l-assi huma kolpiti minn mandat ta' sekwestru kawtelatorju, irrispettivament minn liema Qorti maħruġ, huwa tista' tgħid sekondarju għall-finijiet tal-mertu veru u proprju ta' din il-kawża.

L-ewwel talba attriċi għal dikjarazzjoni ġudizzjarja dwar min huwa l-proprjetarju tal-assi in meritu setgħat dejjem tiġi intavolata, irrispettivament jekk tali assi kienux kolpiti minn mandat kawtelatorju jew le. Il-fatt li l-konvenut jaqbel mal-attriċi f'dan ir-rigward u l-fatt li martu l-konvenuta qed tippretendi fil-kawża pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li dawn l-assi jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti ma jsegwiex li allura l-Qorti kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni u tiddeċiedi l-ewwel talba attriċi hija l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Għall-kuntrarju, l-Qorti hi tal-fehma illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma hiex il-Qorti kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tal-ewwel u t-tielet talba attriċi u dan għaliex bl-ebda mod ma tinkwadra

**Artikolu 4 tal-Iskeda annessa mal-Liġi Sussidjarja 12.20** [2] jipprovdi illi :

> Lill-Qorti ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandhom jiġu assenjati dawk il-kawżi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti ċivili u li għandhom x'jaqsmu ma' :
>
> (a) it-Titoli I, II u IV ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi ċivili;Kap. 48.
>
> (b) l-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' Digrieti ta'Manteniment;Kap. 242.
>
> (ċ) l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Ordnijiet ta'Manteniment;Kap. 255
>
> (d) l-Att dwar iż-Żwieġ; u
>
> (e) l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri

Huwa aktar minn evidenti għal din il-Qorti illi l-mertu tal-ewwel u tat-tielet talba bl-ebda mod ma jaqa' taħt xi wieħed mis-sub inċiżi tal-Artikolu 4 appena ċitat.

Għalhekk hija l-konklużżjoni ta' din il-Qorti li fir-rigward tal-ewwel u t-tieni talba attriċi m'hemmx dubju li l-Qorti kompetenti hija l-Qorti Ċivili, Prima' Awla.

Fir-rigward tat-tieni talba attriċi fejn qed jintalab li l-Qorti tordna li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 13/17 "jigi revokat in parte"; il-Qorti qed tifhem li dak li qed jintalab essenzjalment huwa li jekk l-ewwel talba attrici tigi akkkordata l-Qorti tordna li tali assi ma jibqghux kolpiti bl-effetti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo. Il-Qorti ma tara xejn fir-rigward li ma hux ta' kompetenza tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla.

Għalehkk l-eċċezzjoni in eżami qed tiġi miċħuda.

[2] REGOLAMENTI DWAR IL-QORTI ĊIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA), IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI U IL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) (ĠURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta Sandra Schembri dwar l-inkompetenza *ratione materiae* billi tiċħadha.

Tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Bl-ispejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**